MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Numru 559/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**VS**

**NEVILLE SPITERI**
**JOSEPH CASSAR**
**STEPHEN CASHA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Neville Spiteri, ta' 27 sena, bin Emmanuel u Maria Dolores nee' Casha, imwieled tal-Pieta', nhar it-3 ta' Awissu, 1978, residenti fil-fond numru 33, Triq l-Ghaxra ta' Settembru, 1456, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 409078 (M);

Joseph Cassar, ta' 19-il sena, bin Sebastian u Carmela nee' Zahra, imwieled tal-Pieta', nhar is-17 ta' Ottubru,

1986, residenti fil-fond imsejjah Maison Cassar, Triq San Edwardu, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 493386 (M);

Stephen Casha, ta' 30 sena, bin George u Josephine nee' Aquilina, imwieled tal-Pieta' nhar is-16 ta' Marzu, 1976, residenti fil-fond numru 22, St George's House, Triq il-Harifa, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 170476 (M);

Akkuzati talil f'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu bejn Jannar 2005 u Marzu 2006 ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura, jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

U aktar talli fl-istess perjodu, u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

U fl-ahharnett talli flil-Marsa, f'Marzu 2006 u fix-xahrejn ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula minn risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew

b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi haga kimerika, ghamlu qliegh ta' anqas minn mitt lira maltin (Lm100.00), ghad-dannu tal-Malta Racing Club.

Wara li rat id-dokumenti esebiti.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghataw zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 183, u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 187(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 18, 308, u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija mputati Neville Spiteri, Joseph Cassar, u Stephen Casha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u ghaldaqstant tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* din il-Qorti tordna konfiska tal-oggetti esebiti f'din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------